MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 44**

**It-Tnejn, 29 ta' Settembru 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis, 29 ta' Settembru 2022, fil-17:00p.m.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathon Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**44.1 Talba**

44.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**44.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

44.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**44.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numri 43.**

44.3.1 Ġew ippreżentati u approvati il-Minuti numru 43 li ġew ppreparati u ppreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Heidi Grech.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**44.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

44.4.1 Saret l-Isports Fest b'kollaborazzjoni mal-Parocca fejn l-Kunsill sponsorja t-*trophies* li swew €299. Is-Sindku kien indispost u għalhekk it-*Trophies* ġew ippreżentati mill-Viċi Sindku, s-Sinjura Josephine Camilleri u l-Kunsillier s-Sur Horace Micallef, flimkien mal-Kappillan.

44.4.2 Is-Sindku semma li t-twaħħil tal-fanali kważi tlesta minbarra wieħed fi Triq is-Sajjieda, kif ukoll li l-Kunsill ser jkun qiegħed japplika biex jingħata d-dawl lill-erba' fanali li twaħħlu fi Triq is-Sajjieda u tnejn fi Triq ta' Mulejja.

44.4.3 Fil-ġimgħa ddedikata għall-anzjani, l-Kunsill għamel ħarġa bla ħlas għall-anzjani tal-lokalita'. L-attendenza kienet ta' 17-il persuna u għalhekk intużat *minibus* sabiex saret iż-żjara fis-Santwarju ta' Ta Pinu fejn ipparteċipajna fil-quddiesa, żorna wkoll l-inħawi ta' Wied l-Għasri, Marsalforn, x-Xwejni, l-Mitħna fix-Xewkija, Daħlet Qorrot u wkoll ir-Ramla fejn hemm waqafna wkoll għall-ikel. Attendew wkoll is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier s-Sur Horace Micallef kif ukoll sitt anzjani minn barra l-lokalita u għalhekk dawn l-anzjani ħallsu €5 kull wieħed.

44.4.4 Is-Sindku ppreżenta stima għal xogħol sabiex tinħadem l-istatwa żgħira tal-Qalb ta' Ġesu biex tintuża f'Festa Tfal, mill-artist, s-Sur Michael Cutajar Zahra li tammonta għal €2800(vat inkluz) u li jitlesta sa l-aħħar ta' Mejju 2023. Dan jinkludi li l-istatwa jkollha burdura indurata bid-deheb 24karat, tkun ta' daqs metru barra d-dinja ta' taħtu, fuq bażi tal-injam u b'raġġijiera magħmula mil-stain and steel. S-Sindku informa lill-membri li l-artist qed jitlob depożitu ta' terz tal-istima, jiġifieri l-ammont ta' €933 (Vat inkluż) sabiex tkun tista tibda tinħadem l-istatwa. Is-Sindku ppreżenta wkoll żewġ ritratti ta' statwi tal-Qalb ta' Ġesu' u minnhom ntagħżel ir-ritratt li fih tidher l-statwa tal-Qalb ta' Ġesu bil-kulur u b'idejh miftuħin. Madanakollu, l-membri qablu li għandna nitolbuh *sketch* oriġinali tal-istatwa u din għandha tinżamm il-kunsill. Il-Kunsill qabel li ssir.

44.4.5 Is-Sindku nforma lill-membri li kellna komunikazzjoni mas-Segretarju Permanenti, S-Sinjura Joyce Dimech kif ukoll mas-Supretendent tal-Kultura fejn ġejna mitluba nitolbu lill-Kurja sabiex tipprovdi l-kunsens għar-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl mingħand il-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattolika (KPKK). Il-Kunsill informa lill-Kappillan sabiex iressaq it-talba għal dan il-kunsens mill-Kurja. Is-Sindku ppropona li nużaw il-fondi tal-*Urban Development Fund* li bħalissa jammontaw għal madwar 18'il elf għall-ispejjeż ta' restawr. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

44.4.6 Fuq talba ta' resident il-Kunsill ħa ħsieb li jinqala fanal li kien imwaħħal ma propjeta numru 199 fi Triq il-Għajn sabiex isir xogħol ta' kostruzzjoni. Ir-resident ma jsibx oġezzjoni sabiex dan jerġa jitwaħħal fl-istess post wara li x-xogħol jkun tlesta. Hemm talba oħra biex jinqala ieħor fi Trejqet ix-Xagħri.

44.4.7 Is-Sindku semma li minkejja li nġibdet l-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-bżonn urġenti li jsiru s-sinjali taż-żebgħa fit-toroq li huma fir-responsabilta tal-gvern ċentrali, dawn baqgħu ma sarux.

44.4.8 Is-Sindku semma li bi żvista fil-laqgħa preċedenti ma ssemmix li fil-festa, l-Kunsill ħa ħsieb li jiknes t-toroq li huma fir-responsabilta tiegħu u kien hemm ukoll l-għajnuna tal-Public Cleansing fejn is-Sur Neriku Ċefai ħa ħsieb li tinkines ukoll Triq il-Kappillan Ħili, is-Sibt filgħodu, kif ukoll it-toroq li huma responsabilta tal-Gvern Ċentrali fit-tlett ijiem tal-Festa.

44.4.9 Is-Sindku semma li x-xogħol ta' tiswija tas-saqaf tal-Għajn ta' Bendu tlesta u għalhekk għandna niktbu lill-Ministru Għal Għawdex sabiex nirringrazzjawh talli ħa ħsieb tal-ispejjeż kollha relatati ma dan ir-restawr. Il-Kunsillier s-Sur Horace Micallef informa lill-membri li l-Ministru se jkun qed iżur il-post fil-ġranet li ġejjin.

44.4.10 Is-Sindku semma li jkun tajjeb kieku s-servizz tal-karozza tal-linja, TD30 li tkun diretta għall-Catamaran għar-residenti tax-Xlendi jkollha waqfa waħda l-Fontana kif isir ix-Xewkija u mhux biex jgħaddu biss kull siegħa bl-inkonvenjent li jġibu magħhom. Is-Segretarja ħadet nota u se tkun qed tiċċekja din il-possibilta ma Transport Malta.

**44.5 Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Iskavar u twaqqigħ kif ukoll aġġornament dwar il-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq ta' Mulejja għall-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku.**

44.5.1 Is-Segretarja ppreżentat ir-rapport tal-evalwazzjoni ppreparat mill-bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-bord tal-evalwazzjoni jirrikomanda li l-offerta tingħata lil Little Rock Quary Ltd għall-ammont ta' €52,557.46 Vat eskluż. Kien hemm qbil unanimu u r-rapport ġie approvat. Is-Sindku nforma lill-kunsill li saret applikazzjoni f'ismu bħala Sindku lill-'ARMS' biex jinqalgħu iż-żewġ arbli tad-dawl li hemm mal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn biex jkun jista isir it-twaqqigħ ta' dan il-fond.

**44.6 Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni skont iċ-Ċirkulari numru *SPI/SCI/09/2022* – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom.**

44.6.1 Is-Segretarja ppreżentat riżoluzzjoni għall-approvazzjoni sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-proġett li jinvolvi xogħolijiet ta' ristrutturar u tisbieħ fi trejqa li hija żona residenzjali u pedonali li hi f'*Urban Conservation Area* u li tinsab taħt il-livell ta' triq il-Għajn, hekk kif kien ġie approvat fil-laqgħa numru 43. Id-Dipartiment se jkun qed jiffinanzja massimu ta' 85% filwaqt li l-Kunsill qed japprova l-ispiża ta' 15% bħala kontribu mas-somma globali li jkun qed jirċievi l-Kunsill taħt din l-iskema.

Din ir-rizoluzzjoni ġiet approvata unanimament u ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza tal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera.

**44.7 Ħruġ u għoti ta' Offerti**

44.7.1 Is-Sejħa għall-offerta tal-bankijiet se tiġi ppublikata fil-ġranet li ġejjin.

44.7.2 Qed naħdmu sabiex jitlestew l-ispecifications għal-xogħol ta' resurfacing ta' Triq il-Għajn bejn Pjazza Tomba u Triq il-Kappillan Ġ. Ħili. Qed nistennew li nirċievu Bill of Quantities aġġornati mill-Water Services Corporation li tkopri x-xogħolijiet tas-servizzi tal-ilma u dranaġġ sabiex tkun konsolidata u ffinalizzata l-Bill of Quantities min naħa tal-Perit Bezzina.

44.7.3 Dwar il-preparazzjoni tal-offerti għax-xogħol li ser isir fil-playingfield b'fondi tal-LESA, intbagħtet imejl lill-Perit Gordon Vella kif maqbul fil-laqgħa preċedenti fejn ġie nfurmat li jekk jibqa ma ssird din l-offerta ser jkun hemm *'Change of Architect.'* Dak in-nhar stess talab laqgħa mas-Sindku li saret l-għada fis-Sala tal-Komunita fejn talab ġimgħa oħra żmien sabiex ilesti din l-offerta. Kien hemm qbil fil-Kunsill li jilqa din it-talba.

**44.8 Ħruġ ta' offerti għall-akkwist ta' Van li taħdem b'sistema Elettrika**

44.8.1 Is-sejħa għax-xiri tal-electric van għalqet u kellna offerta waħda, dik ta' Michael Attard Ltd. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm bżonn li tinħatar l-Inġiniera Mariella Grech pero ġaladarba d-dipartiment tal-Gvern Lokali kien wieġeb li l-għażla tal-evalwaturi hija fid-diskrezzjoni tal-Kunsill, s-segretarja wieġbet li ma kienx hemm għalfejn. Il-bord tal-evalwazzjoni għandu jkun kompost mis-Sindku, s-Sur Saviour Borg, l-Kunsillier s-Sur Carmel Farrugia, l-Kunsillier s-Sur Jonathon Cefai bħala evalwaturi kif ukoll mis-Sur William Sultana bħala Chairperson u s-Segretarja. Kien hemm qbil sabiex il-bord jiltaqa l-Hamis, 13 ta' Ottubru sabiex jibda l-proċess ta' evalwazzjoni.

**44.9 Jum il-Fontana**

44.9.1 Is-Sindku ppropona li jerġa jsir bħal program ta' tlett snin ilu fejn wara l-quddiesa ta' Radd il-ħajr f'1 ta' Diċembru f'għeluq id-29 sena mit-twaqqif tal-Kunsill isir it-tqegħid ta' kuruni mal-Monument tas-Sajjieda u tal-logħob tan-nar kif ukoll man-niċċa storika tas-Salvatur. Issir ukoll ħarġa Malta u oħra f'Għawdex bħala attivita soċjali u kulturali. Kien hemm qbil ukoll li ngħidu lil Cordia Quartet sabiex joffru divertiment waqt is-serata soċjo-kulturali fis-sala tal-Kunsill. Ninaguraw ukoll l-proġett ta' tisbiħ ta' wara l-knisja f'parti ta Triq ta' Mulejja wara s-Sagristija u f'parti ta' Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali. Nieħdu ħseib biex nagħmlu rħama kommemorattiva biex tiġi inawgurati f'din l-okkażżjoni. Ġie approvat li dan jiġi inawgurat mis-Sindku.

**44.10 Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart u t-tieni kwart tas-sena 2022**

43.10.1 Is-Segretarja ppreżentat u spjegat ir-rapporti finanzjarji li jkopru l-ewwel kwart u t-tieni kwart tas-sena. Dawn ir-rapporti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**44.11 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

**44.11 Qari tal-Korrispondenza**

G. Borg

44.11.1 Korrispondenza mingħand l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar sezzjoni ta' nformazzjoni organizzata għall-Kunsilli Lokali mill-Kunsill Malti tax-Xjenza u t-Teknoloġija.

44.11.2 Ċirkulari numru AKL 2022/093 – Grant Scheme for the Implementation of Active Mobility or Citizen Engagement measures. Din l-iskema hija maħruġa minn Transport Malta u d-data ta' l-għeluq għas-sottomossjoni hija l-20ta' Novembru 2022.

44.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ittra li rċivejna mingħand il-Kummissjoni Żgħazagħ fejn infurmawna li se jkunu qed jorganizzaw ir-raba edizzjoni għall-Milied fl-Għejun li din is-sena se tkun qed tiġi organizzata b'mod differenti u se ssir il-Ħadd, 11 ta' Diċembru. Għalhekk qed iressqu t-talba sabiex jingħataw l-permess li għal din l-attivita jużaw trejqet iċ-ċentru parrokjali wara l-knisja u l-bandli. Il-Kunsill qabel li jingħata l-permess meħtieġ għall-użu ta' madwar il-knisja fejn jaqa taħt ir-responsabilta tal-Kunsill.

44.11.4 Il-Kunsill ġie nfurmat mid-Dipartiment tal-Kultura li l-wirja *'On the Road'* ser tiġi posposta għal Jannar 2023.

44.11.5 Korrispondenza mingħand il-Wasteserv dwar l-edizzjoni tal-European Week for Waste Reduction fejn qed jiġu milqugħa l-applikazzjonijiet għall-azzjonijiet innovattivi li jindirizzaw is-settur tat-tessuti. L-applikazzjonijiet huma miftuħin sal-aħħar ta' Ottubru 2022.

44.11.6 Korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Għawdex dwar it-tnegħdiha ta' Konsultazzjoni għall-Istrateġija tal-Gvern Lokali mill-Onorevoli Alison Zerafa Ċivelli fejn is-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv qed jiġu mistiedna jattendu għal din il-laqgħa li se ssir fis-17ta' Novembru 2022.

44.11.7 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat stedina li rċivejna mingħand il-Gozo Business Chamber għall-Business Breakfast li se jsir nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022.

44.11.8 Cirkulari AKL 2022/079 – Press Release dwar l-estensjoni tad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet dwar skema ġdida għal proġetti sostennibbli mill-kunsilli lokali. Id-data tal-għeluq ġiet estiża sal-Ġimgħa, 30ta' Settembru 2022.

44.11.9 Cirkulari AKL 2022/096 – *Rota Bicycle Racks – Local Councils Initiative* - linji gwida fuq *bicycle racks* u informazzjoni dwar l-iskema offruta mill-gvern fejn preżentament qed joffri reimborż kollu tal-ispejjeż. Il-membri qablu li napplikaw sabiex jsiru l-*bicycle racks*.

44.11.10 Korrispondenza mingħand il-LESA dwar it-tielet sejħa tal-iskema offruta għall-proġetti li se jsiru matul is-sena 2022 u li għaliha jistgħu japplikaw kunsilli li ma ġewx magħżula fl-ewwel u t-tieni sejħa. L-applikazzjonijiet jagħlqu l-Ġimgħa, 4 ta' Novembru 2022.

44.11.11 Korrispondenza mingħand Hermes Corporation, organizzazjoni li taħdem fuq proġetti Ewropew relatati mal-Erasmus u programmi ta' mobilta u li bħalissa qed jaħdmu fuq proġett jismu Euribor. Infurmawna li jixtiequ l-kooperazzjoni tal-kunsilli sabiex jilħaq il-gruppi ta' nisa li huma NEET u li l-eta tagħhom dvarja bejn il-15 u d-29sena. Dawk in-nisa li jixtiequ jibdew business tagħhom jistgħu wkoll jippartecipaw. L-għan ta' dan il-proġett hu sabiex jgħinhom jegħlbu d-diffikultajiet u jżid il-parteċipazzjoni tagħhom. L-aħjar 5 business plans se jkun qed jirċievi support finanzjarju sabiex jibda l-proġett tiegħu.

44.11.12 Ċirkulari numru SPI/SCI/6/2022 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew mwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill jista jibbenefika sa massimu ta' €65,000 (inkluż il-VAT) għall-manutenzjoni u sostenn ta' proġett li jinsab eleġibbli. Jistgħu japplikaw kunsilli li fil-lokalita' tagħhom ġie mwettaq proġett mill-Gvern Ċentrali mis-sena 2011 l' hawn. Din l-iskema tagħlaq il-Ġimgħa, 30ta' Settembru 2022.

44.11.13 Ċirkulari numru AKL 2022/089 – European Local Democracy Week. Is-Sindku, l-Viċi Sindku, Kunsilliera u Segretarju Eżekuttiv qed jiġu mistiedna sabiex jippartecipaw f'attivita organizzata mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Qed jiġu mistiedna jżuru l-lokalita' tal-Isla fejn se jkun qed jinżamm workshop kif ukoll Konferenza stampa, b'attivita fuq jumejn, t-22 u t-32 ta' Ottubru 2022.

44.11.14 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar sejħa għall-applikazzjonijiet fuq riċerka u proġetti innovattivi dwar l-ilma – Water4All 2022 Joint Transnational Call Announcement.

44.11.15 Korrispondenza mingħand il-Ministeru Għal Għawdex fejn infurmawna li qegħdin jorganizzaw il-Kalendarju tal-Avvenimenti Kulturali għas-sena 2023 u għalhekk qed jitolbuna nibgħatu l-informazzjoni relatata ma' avvenimenti u attivitajiet li qed nippreparaw għas-sena 2023.

44.11.16 Korrispondenza mingħand id-DLG fejn infurmawna dwar l-estensjoni fid-data tal-applikazzjonijiet għall-Award fil-Label for Governance Excellence fil-Gvern Lokali (EloGE) qed tiġi estiża sal-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022.

44.11.17 Korrispondenza mingħand id-Direttorat tal-Lifelong Learning fejn ġejna nfurmati bil-perjodu ta' bejn 12ta' Settembru sal-14ta' Settembru li fih nistgħu naċċettaw *late applications*.

44.11.18 Ċirkulari numru 16/2022 maħruġa mid-Direttur Ġenerali tad-dipartiment tal-Kuntratti dwar skema li tikkompensa iż-żieda fil-ispiża ta' materjal relatat ma xogħolijiet ta' Public Works.

44.11.19 Is-Segretarju Ezekuttiv ppreżentat ittra li rċivejna mingħand Is-Sur Nicky Saliba, uffiċċjal fir-Reġjun Għawdex li tinkludi informazzjoni u Brochure ppreżentati mill-Inġinier Nicholas Micallef dwar tabelli tat-traffiku li jkunu aktar viżibbli għall-persuni li għandhom problemi ta' vista.

44.11.20 Korrispondenza dwar il-31 pubblikazzjoni tal-Magazine Arts & Culture, fejn ġejna nfurmata li nistgħu nippromwovu l-attivitajiet tal-lokalita' mingħajr ħlas. Din l-edizzjoni se tiġi ppublikata l-Ħadd 27ta' Novembru.

44.11.21 Segretarju Eżekuttiv preżentat imejl li rċivejna mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn il-Kunsilli qed jiġu mħajjra jibbukjaw slot waqt il-programm 'Illum ma Steph' li se jibda jixxandar f'Ottubru u jintemm f'Ġunju 2023.

44.11.22 Imejl mingħand Antoine Zammit DLG fejn qed jissuġġerixxi illi l-inizjattiva Għaqal id-dar isir b'mod konġunt ma' Sannat. Dan għandu jsir jew il-Ġimgħa fil-5.30p.m. jew is-Sibt filgħodu.

44.11.23 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza li saret mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Kultrua, Arti u Gvern Lokali kif ukoll mas-Superintendent tal-Kultura fejn ġejna nformati li l-għajnuna tagħhom hija waħda limitata sa l-aspett tekniku u skont il-liġi l-Kunsill irid jikseb l-approvazzjoni mill-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattolika (KPKK). Għalhekk il-Kunsill informa lill-Kappillan sabiex jipprovdi din l-approvazzjoni bil-miktub sabiex il-kunsill jkun jista jibda l-proċess ta' konsultazzjoni u assistenza teknika għar-restawr tal-istatwi.

44.11.24 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-istimi għax-xogħol ta' Reconstruction ta' parti min Triq il-Għajn bejn Pjazza Tomba u Triq il-Kappillan Ġ. Ħili, li għada trid tiġi emendata sabiex tinkludi s-servizzi tal-ilma u tad-dranaġġ.

44.11.25 Inżammet il-laqgħa mal-Community Police li saret fil-15ta' Settembru 2022. Ġew diskussi diversi punti fosthom in-nuqqas ta' ħin li l-Community Police jagħmel fil-lokalita tagħna minħabba li jrid ilaħħaq mar-Rabat.

44.11.26 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li applikajna għar-rifużżjoni tal-kontijiet tal-GO li jkopru l-ħlas tal-WIFI4EU. Saret wkoll l-applikazzjoni għall-Fond ta' Aġġustament sabiex b' dawn il-fondi l-kunsill jkun qed iħallas parti mill-ispiża relatata max-xiri tal-fanali li huma devoluti lill-Kunsill u li jinstabu fuq iz-zuntier tal-knisja Parrokkjali. Dan wara li l-Kunsill kien ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet pero l-istima qabżet il-budget allokat u għalhekk dawn il-fondi jkunu jistgħu jgħinu għal din iz-zieda speċjalment meta l-istima tal-Inġinier tirrifletti żieda ta' 25%. Għalkemm il-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta dwar il-fond ta' aġġustament, b'mod verbali illum ġejna nfurmati li l-kunsill se jkun qed jingħata l-ammont ta' €3669.

44.11.27 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-membri li llum rċivejna mir-Reġjun Għawdex il-ħlas għall-ġbir tal-ħġieġ li jsir darba fix-xahar kif ukoll il-ġabra tar-reċiklaġġ ta' kull nhar ta' Tlieta li jkopru x-xhur minn Jannar sa Lulju 2022. Is-Sindku semma li l-Kunsill ftit aktar minn sentejn ilu, l-kumpanija 'Green Pak' ma baqgħatx tiġbor l-iskart riċiklat ta kull nhar ta' Tlieta u l-ġabra ta' kull xahar tal-ħġieġ. Għalhekk b'solidarjeta magħna, r-Reġjun qabel li jħallasna tagħhom. Minn Lulju nbidel is-Segretarju u nduna li dawn il-pagamenti kienu qed

jitniżżlu fuq l-iskeda ta' pagamenti mir-Reġjun bħala self. Irrimarka li l-ftehim mar-Reġjun kien li l-Kunsill jtihom lura lir-Reġjun biss, f'każ li l-Kunsill jirċievi l-ħlas tagħhom mid-dipartiment tal-Gvern Lokali jew mill-ERA. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill ma għandu ebda obbligu li jħallas il-flus lura lir-Reġjun għaliex dak kien il-ftehim. Il-Kunsill kiteb lill-President tar-Reġjun dwar dan u huwa nfurmana li d-dettalji tal-iskeda se jiġu emendati.

44.11.28 Korrispondenza mingħand l-Avukat Dr. Chris Said fejn fuq talba tal-Kunsill huwa kiteb lil-Awtorita' tal-Artijiet rigward n-nuqqas ta' zgumbrament min-naħa tal-istess Awtorita' minkejja li hemm kuntratt li ġie ffirmat mal-Kunsill fl-4 ta' Novembru 2021. Fil-15ta' Settembru 2022, l-Awtorita tal-Artijiet wieġbet lil Dr. Said li hemm direzzjoni sabiex isir l-izgumbrament u l-uffiċċjal inkarigat ser jiġi mitlub jattwa dan ( kopja mehmuża bħala dokument A ). Is-Sindku ppropona li jekk dan ma jsirx nerġgħu nressqu l-każ il-qorti biex isir l-iżgumbrament u jinħareġ dan l-*squater* minn ġo din il-propjeta li sa issa hu stmat iżjed mill-membri tal-kunsill u l-komunita' tal-Fontana. Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa li niktbu lill-Ministru konċernat u s-Sindku nfurmah li se jkun qed jieħu l-parir tal-avukat dwar din is-suġġeriment.

44.11.29 Is-Segretarja staqsiet dwar it-terminu tal-ġbir tal-borża s-sewda fi żmien matul il-perjodu tas-sajf minħabba li wasalna fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru. Is-Sindku nfurma lill-membri li l-aħħar ġabra tal-borża s-sewda se ssir is-Sibt 1ta' Ottubru 2022.

44.11.30 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li kellha kommunikazzjoni mas-Sur Mike Spagnol mill-Infinite Fusion Technologies Ltd dwar il-*live streaming* u l-*video on demand.* Nfurmajtu li se nkun qed niktbilhom sabiex jikkanċċellaw l-fatturi li hawn pendenti minħabba li *live streaming* ma kienx qed isir u allura lanqas il-*video on demand.* Għalhekk il-Kunsill ma jistax iħallas għal servizz li ma użax. Is-Sindku rrimarka li minħabba l-pandemija, l-laqgħat għal darbtejn damu xhur twal jsiru mit-teams mingħajr ma ltaqaw b'mod fiżiku u għalhekk ma jistax jkun hemm kont għal *streaming.* Is-Sur Spagnol infurmana li l-*live streaming* issa jista jibda jsir mit-Teams u wara jinbagħat r-*recording* sabiex jitla on demand. Is-sur Spagnol se jkun qed jipprovdi kwotazzjoni għas-servizz ġdid li jkun jinkludi l-kera ta' 360 *degree conference camera*, support għal-*live streaming* u *video on demand.* Is-Segretarja spjegat li kkonsultat mad-Direttur tal-Gvern Lokali, s-Sur Christopher Galea u nformha li tista tipprova tuża t-teams għal-*live streaming.* B'hekk se nkunu l-ewwel kunsill li se nkunu qed nużaw din is-sistema.

44.11.31 Ilment dwar sinjali sofor li nżebħu suwed fi Triq il-Għajn, kantuniera ma Sqaq numru 1. Ir-Residenta qeda titlob li jerġgħu jinżebħu sofor għaliex qed jkun diffiċli biex jaċċessaw il-fabbrika tagħhom bil-vetturi minħabba karozzi li qed jkunu pparkjati mal-kantuniera.

44.11.32 Talba mingħand residenta sabiex jerġgħu jinzebħu s-sinjali minħabba li naħa minnhom ma għadux jidher, ħdejn garaxx fi Triq il-Qalb ta' Ġesu..

44.11.33 Talba mingħand resident sabiex jinqala fanal minn mar-residenza tiegħu li qiegħed fi Trejqet ix-Xagħri sabiex jsir xogħol ta' kostruzzjoni. Ir-resident jitlob li din terġa teħel fl-istess post wara li x-xogħol jkun tlesta.

44.11.34 Talba mingħand resident sabiex jinqala fanal minn mar-residenza tiegħu li qiegħed ma propjeta nume 199, Triq tal-Għajn Fontana sabiex jsir xogħol ta' kostruzzjoni. Ir-resident jitlob li din terġa teħel fl-istess post wara li x-xogħol jkun tlesta.

44.11.35 Ilment mingħand residenta li toqgħod fi Sqaq l-Andar dwar volum ta' ilma li qed jinġema quddiem il-propjeta tagħha u li anka qed jidħol fl-istess propjeta minħabba li l-ilma ma għandux fejn imur. Ir-residenta qed tressaq it-talba sabiex il-Kunsill jagħti n-*'no objection'* għal xogħol ta' culvert li l-Ministeru Għal Għawdex lest li jagħmel fl-istess sqaq. Is-Sindku qal li dan il-każ diġa ġie diskuss mill-kunsill f'din il-leġislatura meta r-raġel tagħha ġab lill-kunsill fuq il-Facebook.

Is-Sindku semma li meta l-Ministeru jagħmel xogħol f'postijiet privati bħal ma qed isir xogħolijiet fi trejqet iċ-Ċentru Parrokjali ma kkonsultax mall-Kunsill, imma qabad u għamlu. Is-Sindku żid jgħid li ma jaqbilx li ilma maħmuġ minn Sqaq l-Andar minflok jmur fl-għelieqi ta' wara kif ilu jsir, jintefa fi Triq il-Għajn u jinżel quddiem il-bibien tan-nies u quddiem il-Knisja Parrokjali. Kompla jgħid li l-Kunsill jitlob direzzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill jistax jitlob lill-Ministeru biex jagħmel xogħol f'postijiet privati kif ukoll jekk il-Ministeru Għal Għawdex hux informat li dan l-sqaq huwa privat kif ammettiet l-istess residenta. Is-Sindku spjega li l-pożizzjoni tiegħu hija waħda ċara li xogħolijiet fi sqaqin privati ma jsirux u huwa kontra li jintefa ilma maħmuġ fi triq il-Għajn. L-erba' membri l-oħra tal-Kunsill huma fil-liberta li jiddeċiedu huma.

Residenti tas-squq li kienu preżenti għal-laqgħa spjegaw id-diffikultajiet li qed jiltaqgħu magħhom minħabba l-volum tal-ilma. Is-Sur Horace Micallef qal li meta l-Ministeru jkollu bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill ikun l-Ministeru stess li jitlob għal din l-approvazzjoni lill-Kunsill. Żid jgħid li la dan hu sqaq privat, il-Ministeru għandu jitlob l-approvazzjoni tas-sidien biss u mhux lill-Kunsill. Is-Sindku reġa semma li fuq xogħolijiet f'postijiet oħra l-Ministeru ma ħasx li għandu jikkonsulta mal-Kunsill u kellu kull dritt għaliex hu privat. L-istess ħaġa tapplika għal dan is-sqaq privat.

### 44.12 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

### 44.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 35/2022 għal perjodu ta' bejn id-30ta' Awwissu 2022 u d-29 ta' Settembru 2022 li tammonta għal €19,001.76 ġiet approvata u ffirmata.

### 44.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-18.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 31 ta' Ottubru 2022 fil-14.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum it-Tnejn, 31 ta' Ottubru, 2022.

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

'Dokument A'

## Grech Heidi Victoria at Fontana Local Council

**From:** Chris Said <chris@chrissaid.net>
**Sent:** Thursday, 15 September 2022 13:05
**To:** Fontana Local Council at Fontana Local Council
**Subject:** Fwd: Kunsill Lokali Fontana

**Follow Up Flag:** Flag for follow up
**Flag Status:** Completed

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Sja Segretarja

Ghandek issib ir-risposta tal-Lands

dher li ser nimxu.

Li jkun hemm bzonn ghidli

Tislijiet

Chris

---------- Forwarded message ---------
From: **Vella Shazel at Lands Authority** <shazel.vella@landsauthority.org.mt>
Date: Thu, 15 Sept 2022 at 11:06
Subject: Kunsill Lokali Fontana
To: chris@chrissaid.net <chris@chrissaid.net>
Cc: Farrugia Bronwen Maria at Lands Authority <bronwen-maria.farrugia@landsauthority.org.mt>

Ghaziz Dr.Said,

Ic-Chairman indaga dwar l-email tieghek tat-8 ta' Settembru 2022 in rigward tal-proprjeta' 189 u 190, Triq tal-Ghajn Fontana , Ghawdex.

Irrizulta li fil-fatt kien hemm direzzjoni sabiex isir zgumbrament.

L-Ufficjal inkarigat ser jigi mitlub jattwa listess.

Tislijiet ,

**Shazel Vella**
Clerical Officer – Chairman's Office

LANDS
Authority

shazel.vella@landsauthority.org.mt
+356 2295 3497

Auberge de Baviere, St. Sebastian Street, Valletta VLT 2000
www.landsauthority.org.mt

Accountability | Efficiency | Sustainability

CONFIDENTIALITY NOTICE: This e-mail message, including any file/s or document/s attached thereto, is confidential and may also be legally privileged. It is intended solely for the use of the addressee(s) and cannot be relied upon by any person other than the addressee(s). If you are not the named addressee: (i) you are hereby notified that any use, dissemination, distribution, printing or copying of this message is strictly prohibited; (ii) you may not read, copy, forward, disclose or otherwise use it or any part thereof in any manner whatsoever; (iii) you are kindly asked to destroy the message (and any attachment/s) and delete it from your computer system; and (iv) you are to urgently notify the sender accordingly by return e-mail. Any individual communicating with the Lands Authority by email will be deemed to have accepted the risks associated with sending information by email being interception, amendment and loss as well as the consequences of incomplete or late delivery. All reasonable precautions will be taken to respect the privacy of individuals in accordance with the Authority's Privacy Notice. https://landsauthority.org.mt/resources/policies/privacy-policy/ . Any view or opinions presented in this email are solely those of the author and do not constitute a decision in terms of Cap. 563 & 573. To the extent permitted by law, Lands Authority will not accept any liability arising from this communication.

Think before you print! Consider the environment before printing this e-mail.

--
Chris Said
CS Legal
19, Triq tal-Hanaq
Nadur

Mob: 79474856
Email: chris@chrissaid.net